**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Graziella Muscat)**

**vs**

**Philip Borg**
**(ID 429954M)**

**Illum, 30 ta' Ġunju 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Philip Borg**, iben il-mejta Carmela u Francis xebba Abela, imwieled Ħal Qormi nhar is-17 ta' Mejju 1954 u residenti 10, Silver Bridge, Triq Maria Addolorata, Paola, u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 422954(M);

Akkużat talli fit-30 ta' Awwissu 2008 għall-habta tal-12:35 ta' filgħodu u fix-xhur preċedenti, fil-Ħamrun jew/u f'xi bnadijiet oħra f'Malta, f'ħinijiet differenti, b'diversi atti ukoll jekk magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

a) Għamel lottu klandestin jew ġabar il-flus tal-ġugati fuqu, jew b'xi mod għen jew ħajjar f'daqshekk;

b) Għamilha ta' riċevitur ta' ġugati tal-lottu meta me kienx awtorizzat għal daqshekk mill-Ministru responsabbli għall-Finanzi;

c) Biegħ jew offra għall-bejgħ biljetti tal-Lottu Pubbliku minn postijiet mhux liċenzjati għal dan il-għan.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti;

Rat ukoll illi minkejja illi fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2014, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, l-istess imputat talab li jirtira din l-ammissjoni, liema talba ġiet milqugħa minn din il-Qorti b'digriet tagħha tas-27 ta' Jannar 2016[1];

Rat ukoll is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) tat-30 ta' Ġunju 2016[2] fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Philip Borg** u dik tal-Qorti Kostituzzjonali tat-13 ta' Frar 2017[3] fl-istess ismijiet, wara r-referenza li saret minn din il-Qorti b'digriet tagħha tas-27 ta' Jannar 2016, kif ukoll illi permezz ta' din l-aħħar sentenza ġie deċiż illi "*f'dan l-istadju ma jistax jingħad li kien hemm leżjoni tad-dritt fondamentali tas-smigħ xieraq imħares taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni; madankollu, din il-Qorti tiddikjara li jekk isir użu mill-istqarrija fil-kors tal-proċeduri kontra l-appellat ikun hemm tali leżjoni*"[4] u dan b'referenza għall-istqarrija rilaxxjata mill-imputat lill-Pulizija Eżekuttiva nhar it-30 ta' Awwissu 2008 mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu u mingħajr il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju;

Rat ukoll il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 74(2) tal-Kap. 438 tal-Liġijiet ta' Malta u l-verbal ta' din il-Qorti tas-17 ta' Marzu 2015[5] rigwardanti n-nuqqas ta' applikabilita` tal-Kap. 438 għall-proċeduri odjerni u tqis illi in vista tal-fatt illi l-akkużi kif miġjuba fil-konfront tal-imputat huma msejjsa fuq l-Ordinanza dwar il-Lottu Pubbliku, Kap. 70 tal-Liġijiet ta' Malta, il-ħtija o meno ta' l-imputat għandha tiġi meqjusa fid-dawl tal-Artikoli 12, 13 u 14 tal-Kap. 70 tal-Liġijiet ta' Malta – illum imħassra permezz tad-dħul fis-seħħ tal-Att XVI tas-sena 2018 (Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta) – u tal-Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux b'referenza għad-disposizzjonijiet tal-Kap. 438 tal-Liġijiet ta' Malta – illum ukoll imħassar bid-dħul fis-seħħ tal-Att XVI tas-sena 2018 - ikkunsidrati, kemm il-darba jkun meħtieġ, id-disposizzjonijiet relattivi tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet it-trattazzjoni finali tat-12 ta' Marzu 2018 u t-trattazzjoni finali ulterjuri tas-27 ta' Frar 2019, li saret fil-kawża fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Iris Cremona' quddiem din il-Qorti kif preseduta, fl-istess jum, mill-istess partijiet, liema trattazzjoni l-partijiet għamlu referenza għaliha u talbu sabu tiġi nserita fl-

[1] A fol. 53 tal-proċess.
[2] A fol. 55 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 66 tal-proċess.
[4] Ara a fol. 82 u 83 tal-proċess.
[5] A fol. 47 tal-proċess.

atti ta' dawn il-proċeduri sabiex il-Qorti tieħu konjizzjoni tal-punti hemmhekk sollevati, u dan a skans ta' ripetizzjoni żejda.
**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti:

Wara li l-Pulizija rċeviet ittra anonima datata 13 ta' Marzu 2018 dwar allegat logħob klandestin da parti tal-imputat odjern ħdejn il-*Liberty Bar* ġewwa l-Ħamrun, l-Ispettur Graziella Muscat bagħtet pulizija sabiex josservaw lill-istess imputat, iżda ma nnutaw xejn sakemm fit-30 ta' Awwissu 2008, marru josservaw lill-imputat, PS 1229 Antoine Cilia u PS 656 Adrian Lia, u nnutaw attivita` li huma ssuspettaw li setgħet kienet logħob klandestin da parti tal-istess imputat. Għaldaqstant, huwa ġie arrestat, saret tfittxija fuq il-persuna tiegħu u huwa rrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva dakinhar stess.

Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, **l-Ispettur Antoine Cilia** jgħid illi fit-30 ta' Awwissu 2008, meta kien għadu Surġent ossia PS 1229, marru l-Ħamrun wara informazzjoni li kienet ġiet miksuba dwar l-imputat odjern. Waslu l-Pjazza tal-Ħamrun għall-ħabta tal-10:30 a.m., fejn ġie osservat l-istess imputat ħdejn ħanut tat-te` faċċata tal-għassa. Huwa jgħid illi għall-ħabta tal-11:00 a.m., l-imputat deher jitkellem ma' xi nies u ma nnutaw xejn illegali, iżda għall-ħabta tan-12:35 p.m., innutawh jikteb xi ħaġa fuq karta u jgħaddiha lil terza persuna. Għalhekk marru fuqu. Sakemm waslu ħdejh, it-terza persuna laħqet telqet minn fuq il-post. Huma waqqfu lill-imputat u ħaduh l-għassa, fejn fuq il-persuna tiegħu nstabet is-somma ta' €320, tnejn u tletin biljett isfar b'numri miktubin fuq dawn il-biljetti, u karta żgħira bil-kelma €320 fuqha, li kienu lkoll f'borża tal-karti kannella, fil-waqt illi f'but ieħor sabulu s-somma ta' €90.[6]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi wieħed mill-punti sollevati mid-difiża fit-trattazzjoni finali tagħha huwa fis-sens illi l-imputazzjonijiet odjerni jirreferu għat-30 ta' Awwissu 2008 "*ghall-habta tal-<u>12:35 ta' filghodu</u> u fix-xhur precedenti*", meta mix-xhieda tal-Ispettur Antoine Cilia – li l-Qorti tinnota kien l-uniku Uffiċjal tal-Pulizija li kien preżenti waqt l-arrest tal-imputat u li xehed f'dawn il-proċeduri – jirriżulta illi l-imputat ġie nnotat iwettaq l-azzjoni suspettuża li wasslet għall-arrest tiegħu u għall-proċeduri odjerni f'12:35 ta' wara nofsinhar.

Il-Qorti tqis illi d-difiża għandha raġun. Fil-fatt kif jirriżulta mix-xhieda tal-Ispettur Antoine Cilia, fuq riprodotta fil-qosor, jirriżulta ampjament illi nhar it-

[6] Ara din ix-xhieda a fol. 39 sa 41 tal-proċess.

30 ta' Awwissu 2008, il-Pulizija bdiet l-osservazzjoni tagħha fuq l-imputat għall-ħabta tal-10:30 a.m. u ma nnutat xejn suspettuż sa 12:35 p.m.

L-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk:

> "Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat". [sottolinear tal-Qorti]

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-18 ta' Ottubru 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Mary Briffa**, fejn l-appellant f'dik il-kawża ġie akkużat b'reati li allegatament seħħew "ghall-habta tas-7.30 p.m.", mentri l-provi kienu jirrigwardaw inċident li seħħ "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal hekk:

> "L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat fl-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta'" tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament."

Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Jannar 2017, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Xerri**, f'liema każ, l-appellant ikkontenda illi huwa qatt ma seta' jinstab ħati tar-reat ta' riċettazzjoni kif lilu addebitat u dan stante illi l-fatti attwibwiti lilu kienu jirreferu għal data oħra, li ma kinitx dik indikata fl-akkuża. Skont l-appellant semmai l-azzjonijiet tiegħu kienu jirreferu għal xi żmien fil-bidu tax-xahar ta' Novembru 2009 u mhux għad-data tal-24 ta' Jannar 2010 u l-jiem ta' qabel, kif indikat fl-akkuża. Wara li għamlet referenza għas-sentenza **Il-Pulizija vs John Mary Briffa** fuq ċitata, il-Qorti kompliet tgħid hekk:

> "Illi dan l-istess principju gie riaffermat minn din l-istess Qorti f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet Il-Pulizija vs Warren Piscopo u Pulizija vs Rita Thuema, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011.[7] Dan ghaliex il-Qorti qatt ma tista' issib htija dwar il-

[7] Hawnhekk il-Qorti rreferiet ukoll għall-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ramon Mifsud Grech et** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati fit-23 ta' April 2012.

kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh fi zmien iehor u mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista' thejji id-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lilha f'dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binarji ta' l-azzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin."

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-19 ta' Novembru 2015, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andre` Falzon**, il-Qorti wkoll ikkunsidrat il-fatt illi l-appellant kien ġie akkużat talli wettaq reat f'data partikolari, meta fil-fatt kien jirriżulta mill-atti u mill-provi mressqa illi l-fatti li wasslu għall-imputazzjonijiet in kwistjoni kienu seħħew f'data oħra li ma kinitx dik indikata fiċ-ċitazzjoni. Wara li l-Qorti rreferiet għas-sentenza fuq ċitata **Il-Pulizija vs John Mary Briffa** u għas-sentenzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Warren Piscopo** u **Il-Pulizija vs Rita Thuema**, kompliet hekk:

"Stabbiliti dawn il-principji dottrinali u applikati ghall-kaz in ezami huwa car allura illi l-appellanti kellu jigi illiberat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu billi dawn jirreferu ghal perijodu ta' zmien differenti minn dak li fih sehhew l-allegati fatti li wasslu ghall-imputazzjoni odjerna. Illi allura billi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tinduna b'dan l-izball u tirrettifikah fil-hin opportun, u billi l-Avukat Generali huwa issa fi stadju ta' appell prekluz milli jitlob il-korrezzjoni mehtiega biex tigi sanata l-akkuza, ma hemmx dubbju illi l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-appellanti ma jistghux jissussistu billi fid-data indikata fl-akkuza l-appellanti ma ikkomettiex ir-reati lilu addebitati."

Dawn il-prinċipji legali japplikaw ukoll għall-każ odjern. In oltre għalkemm l-imputazzjonijiet odjerni jirreferu wkoll għax-xhur preċedenti, la darba skartata l-istqarrija tal-imputat ai termini tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-13 ta' Frar 2017, li saret referenza għaliha iżjed 'il fuq, m'hemm l-ebda prova fl-atti illi turi li l-imputat kien involut fil-lottu klandestin fix-xhur preċedenti. Il-provi prodotti jirreferu biss u unikament għal dak li osservaw l-Uffiċjali tal-Pulizija fit-30 ta' Awwissu 2008 bejn l-10:30 a.m. u n-12:35 p.m. u dak li nstab fil-pussess tal-istess imputat. Il-biljetti li ġew esebiti fl-atti proċesswali lkoll iġibu d-data tat-30 ta' Awwissu 2008 u għalhekk il-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni illi l-imputat kien involut fil-logħob klandestin qabel dik id-data jew fix-xhur preċedenti. In oltre fid-dawl tal-provi prodotti, il-Qorti tkun qegħda biss tassumi jekk tallaċċja tali biljetti ma' xi attivita` tal-imputat fin-12:35 a.m.,

ai termini tal-imputazzjonijiet odjerni, li ċertament mhuwiex permissibbli fi proċeduri penali.

Għaldaqstant, tenut kont tas-suespost, il-Qorti tqis illi l-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tal-imputat ma jirriżultawx sodisfaċentement ippruvati u fiċ-ċirkostanzi tqis ukoll illi jkun inutli li tikkunsidra l-bqija tal-punti sollevati mid-difiża fit-trattazzjoni tagħha.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat **Philip Borg** mhux ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnhom.

Tordna r-rilaxx tal-flus esebiti fl-atti favur l-istess imputat.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat